# 1668: Ġrajja ta' żewġ altari f'żewġ knejjes tal-Isla

**Kan. Dun Jonathan Farrugia**
B.A. (Hons.) S.Th.L.



Numru ta' dokumenti arkivjati fil-Kurja tal-Arċisqof ġejjin mis-sena 1668 huma marbuta mal-artal tal-Madonna tar-Rużarju li llum jinsab fil-Bażilika tal-Isla. Fil-ktieb ta' Patri Alessandru Bonnici *O.F.M. Conv.* dwar l-istorja tal-Isla, jissemma' xi nkwiet li kien inqala' minħabba dan l-artal fis-seklu sbatax, iżda ma jidħolx f'wisq dettall dwar x'kien dan l-inkwiet u x'kienu ċ-ċirkustanzi li qalgħuh[1]. Fi ktejjeb mhux ippubblikat ta' Patri Victor Xuereb S.J., dwar il-knisja tal-Madonna tal-Portu Salvu nsibu xi ftit aktar dettall dwar il-kuntest storiku ta' din il-ġrajja[2]. Iżda biex nifhmu aħjar x'ġara hemm bżonn li mmorru lura għas-sena 1598, meta twaqqfet il-fratellanza li tagħha kien dan l-artal.

### It-twaqqif tal-Fratellanza tar-Rużarju fl-Isla

Waħda mill-eqdem referenzi għall-artal tal-Madonna tar-Rużarju fil-belt ta' Senglea ġejja mill-viżta pastorali tal-1594[3]. Hawn naqraw li fil-knisja parrokkjali ddedikata lil Santa Marija tal-Vittorja kien hemm xi altari u li wieħed minn dawk fuq il-lemin tal-maġġur kien iddedikat lill-Madonna tar-Rużarju. Ma nsibux aktar dettalji dwaru, u lanqas fuq it-tagħmir li kellu. Fil-viżta pastorali li saret fil-knisja parrokkjali tmien snin wara, fl-1602, dan ma jissemmix, iżda naqraw dwar artal



*Ritratt tal-kwadru l-antik tar-Rużarju li jissemma fir-rikorsi tal-1668*



*Il-Knisja ddedikata lil Santa Marija tal-Portu Salvu fl-Isla*

b'dedikazzjoni simili fil-knisja li kienet għadha kemm inbniet fuq l-għolja tal-mitħna, fuq ix-xaqliba tal-Ponta tal-Isla, dik li hi ddedikata lill-Santa Marija tal-Portu Salvu.

Din il-knisja kienet tlestliet fis-sena 1596 bl-għan li tkun aċċessibbi għan-nies li kienu jgħixu f'dak it-tarf tal-Isla u l-ewwel rettur tagħha kien saċerdot mill-Birgu li kien jgħix l-Isla. Ismu kien Dun Leonard Felici – probabilment l-artal ta' San Leonardu li kien jeżisti f'din il-knisja sal-bidu tas-seklu tmintax jaf il-bidu tiegħu proprju minħabba dan l-ewwel rettur. Sentejn wara, fit-13 ta' Jannar 1598 twaqqaf l-artal tal-Madonna tar-Rużarju f'din il-knisja tal-Portu Salvu u miegħu ntrabtet fratellanza ġdida li ma kinitx teżisti fil-knisja parrokkjali, dik tar-Rużarju, u Felici kien l-ewwel rettur tal-fratellanza wkoll[4]. Dan kollu nitgħallmuh mir-rapport li għamel Felici nnifsu fil-viżta pastorali li saret fl-Isla fis-sena 1602.

Minn din il-viżta wkoll nieħdu l-ewwel deskrizzjoni ta' dan l-artal: kellu pittura tal-Madonna bil-Bambin li kellhom il-kuruni tal-fidda fuq rashom, u mad-dawra tiegħu kien hemm pitturi żgħar oħra bil-misteri tar-Rużarju. Insibu wkoll spjegazzjoni għala f'din il-viżta dak l-artal li kien issemma qabel fil-knisja parrokkjali issa ma jissemmix aktar: meta twaqqaf l-artal fil-knisja tal-Madonna tal-Portu Salvu, dak li kien hemm fil-knisja parrokkjali ġie trasferit għal hemm.



L-Isqof Tumas Gargallo

Bonnici jispjega kif dan l-artal ġie mwaqqaf: fil-bidu tas-sena 1598 inzerta qiegħed Malta l-vigarju ġenerali tal-Ordni Dumnikan Patri Angelo Tumminello, li kien qiegħed iżur il-kunventi tal-Ordni. Bonnici jgħidilna: "F'dak iż-żmien ittieħdet id-deċiżjoni li f'Santa Marija tal-Portu Salvu jitwaqqaf l-artal tal-Rużarju, u miegħu bl-approvazzjoni tal-Isqof tintrabat fratellanza. L-Isqof Gargallo ta l-kunsens tiegħu. Il-bolla tal-erezzjoni tal-fratellanza tfasslet bl-awtorità tal-imsemmi



Il-Knisja Kolleġġjata ta' San Lawrenz fil-Birgu

Patri Tumminello, u ġiet iffirmata l-Birgu, fejn diġà kien hemm il-kunvent tad-Dumnikani, fit-13 ta' Jannar, 1598, u Dun Leonard Felici nħatar l-ewwel rettur."[5] Ftit ilu għedna li Felici kien mill-Birgu. Fil-fehma tiegħi nistgħu ngħidu li dan is-saċerdot kien il-moħħ wara t-twaqqif ta' dan l-artal u din il-fratellanza. Hu kien trabba fil-Birgu, fejn il-festa ewlenija tal-Ordni Dumnikan kienet dik tal-Madonna tar-Rużarju, għalhekk xi forma ta' ġibda lejha kellu żgur, speċjalment meta nqisu li l-knisja tad-Dumnikani serviet bħala knisja parrokkjali ta' din il-belt peress li l-Kavallieri wżaw il-knisja ta' San Lawrenz bħala l-knisja tagħhom sakemm tlestiet il-knisja ta'



Il-Kon-Katidral ta' San Ġwann fil-Belt Valletta

San Ġwann fil-Belt Valletta fis-sena 1578. Fil-knisja parrokkjali tal-Isla jidher li l-artal tar-Rużarju ma kellux importanza, għalhekk meta l-Vigarju tal-Ġeneral tad-Dumnikani nzerta qiegħed iżur il-kunvent tal-Birgu, wisq probabbli li Felici ra x-xoqqa f'moxtha biex inibbet devozzjoni ġdida lejn il-Madonna tar-Rużarju ġewwa l-Isla. Il-fatt li l-bolla ġiet iffirmata fil-Birgu u li Felici sar immedjatament l-ewwel rettur tal-fratellanza ituna biżżejjed x'nifhmu li hekk probabbilment ġara.

Mela fil-qosor il-ġrajja tal-artal tar-Rużarju sal-viżta tal-1602 kienet xi ħaġa hekk: meta nbniet il-knisja ta' Santa Marija tal-Vittorja wieħed mill-artali fuq in-naħa tal-lemin ġie ddedikat lill-Madonna tar-Rużarju u sal-1594 nafu li ma kien igawdi l-ebda prominenza fuq artali oħra. Lejn tmiem l-1596 tlestiet il-knisja ta' Santa Marija tal-Portu Salvu u r-rettur tagħha kien Dun Leonard Felici. Meta sena u ftit ġimgħat wara kien f'Malta l-Vigarju Ġenerali tal-Ordni Dumnikan, Felici ddeċieda li jqajjem devozzjoni aktar qawwija lejn il-Madonna tar-Rużarju fil-knisja l-ġdida fuq il-Ponta u kellmu dwar dan. Probabbilment il-Vigarju Ġenerali wassal din it-talba lill-Isqof Gargallo li ta l-permess u fit-13 ta' Jannar 1598 twaqqfu flimkien l-artal u fratellanza. Għal xi raġuni t-titlu ġie trasferit mill-parroċċa għall-knisja l-oħra, b'mod li fil-knisja parrokkjali l-isem għeb għal sebgħin sena. Dan iwassalna għad-dokumenti li se nippubblikaw hawn. Sal-1602 kien sar il-kwadru tal-Madonna bi ħmistax-il kwadru żgħir bil-misteri.

**1668: Lura għall-knisja tal-Vitorja**

Jidher li d-devozzjoni lejn tar-Rużarju qabdet sew u f'qasir żmien fil-knisja tal-Portu Salvu. Għall-ewwel l-artal kien fuq ix-xellug tal-maġġur, u meta sar xi bdil strutturali fil-knisja dan tpoġġa f'kappella għalih fuq in-naħa tal-lemin, fejn żamm postu sal-1668. Mill-viżti pastorali nitgħallmu li dan l-artal kien l-aktar wieħed miżmum tajjeb flimkien mal-maġġur u li ma kien nieqes minn xejn.

In-numru tal-fratelli baqa' dejjem jikber u l-parteċipazzjoni tagħhom ilkoll flimkien fil-quddies tal-ewwel Ħadd tax-xahar u f'purċissjoni li kienet issir dakinhar ukoll kienet waħda notevoli. Il-festa tal-Madonna tar-Rużarju kienet issir f'Ottubru bl-għosrien u l-quddies bil-mużika. Fil-viżta tal-1631 naqraw li l-biċċa l-kbira tal-fratelli kienu nies li jaħdmu fuq il-baħar[6].

Dawn id-dettalji jtuna x'nifhmu żewġ affarijiet: l-ewwel nett li n-numru dejjem akbar ta' nies li jattendu fl-ewwel Ħadd tax-xahar fil-Portu Salvu kien ifisser li inqas nies kienu jmorru fil-parroċċa, u t-tieni li, b'konsegwenza ta' hekk, id-dħul finanzjarju minn dawn in-nies kien qiegħed imur fil-kaxxi tal-Portu Salvu u mhux tal-parroċċa! Nifhmu wkoll li peress li l-Isla tinsab fuq il-Port il-Kbir, ix-xogħol fuq il-baħar kien probabbilment l-aktar xogħol li kien irendi flus, u għalhekk nifhmu li l-għotjiet ta' dawn il-baħħara lill-knisja tal-Portu Salvu ma kinux ta' min jinjurahom.

Dan wassal, skont Xuereb, għad-diżapprovazzjoni tal-kappillan tal-Isla li prova jneħħi lil Felici minn rettur[7]. Iżda jidher li dan kien kollu għalxejn peress li Felici kellu l-approvazzjoni tal-Isqof Gargallo, u fil-fatt baqa' rettur tal-fratellanza sa mewtu. Warajh laħaq Dun Franġisk Gatt li kompla jaħdem biex id-devozzjoni lejn il-Madonna tar-Rużarju fil-knisja tal-Portu Salvu tkompli tikber[8].

Jidher li din il-forma ta' rivalità bejn il-knisja parrokkjali u l-knisja l-oħra minħabba l-fratellanza tar-Rużarju ma reġgħetx tqajmet fi żmien il-kappillani Talavera, Ciappara u Attard (1617-1660)[9] – li ħadd minnhom ma kien mill-Isla – imma għalkemm ma nsibux referenzi għal xi tip ta' konflitt jew kuntrast, minn dak li seħħ fl-1668 jidher li ċ-ċirkustanza ma kienetx intesiet.

Fl-1660 sar kappillan is-Senglean Dun Franġisk Azzopardi, li kien twieled fl-1614. Għalkemm mill-ġrajjiet li seħħew fi żmien il-kappillan Caruana żgur li ma kien jiftakar xejn għax kien għadu tifel żgħir, ma nistgħux neskludu l-possibbiltà li kien sema' dwarhom meta kien tifel jew żagħżugħ. Meta laħaq hu kappillan tal-Isla – u allura kellu ċertu jedd anke fuq il-knisja ta' Santa Marija tal-Portu Salvu ladarba kienet knisja filjali – ġietu x-xoqqa f'moxtha biex jirregola dak li kien tant baqbaq lil wieħed mill-predeċessuri tiegħu.

Dan seħħ meta fl-1661 żewġ saċerdoti, żewġ djakni u suddjaknu, ilkoll mill-Isla, tħajru li jibdew jgħixu f'komunità bejniethom skont ir-regola tal-Oratorjani mfassla minn San Filippu Neri. Dawn talbu lill-Isqof Camarasa biex jagħtihom il-knisja ta' Santa Marija tal-Portu Salvu flimkien mal-bini u xi art ta' magħha biex ikunu jistgħu jilħqu dan l-għan. Offrew saħansitra li jkabbru l-knisja u jibnu kunvent fil-parti kbira a spejjeż tagħhom. Din id-darba nafu fiċ-ċert li l-isqof tkellem mal-kappillan fuq din il-proposta, u dan aċċetta b'xi kundizzjonijiet, li fosthom tispikka dik li ried li l-fratellanza tar-Rużarju tiġi trasferita bl-artal tagħha u bil-legati li kellha b'kollox għall-parroċċa[10]. Waqt li l-knisja ngħatatilhom sena wara, fl-1662, jidher illi l-kwistjoni tat-trasferiment ma nqatgħetx mill-ewwel, għax waqt li l-kappillan żamm il-jeddijiet kollha li kellu fuq il-knisja peress li kienet propjetà tal-parroċċa, l-isqof żamm għalih il-jedd li jittrasferixxi f'post ieħor l-artali u l-fratellanzi li fiha[11].




*L-ismijiet ta' Dun Cosmo Talavera, Dun Mark Anton Ciappara u Dun Dumink Attard, minquxin fuq il-lapida li tinsab fil-bini tas-Sagristija tal-Bażilika u li mexxew il-parroċċa bejn is-snin 1617 u 1660.*




*San Filippu Neri*

Sal-1666 l-artal kien għadu f'din il-knisja, flimkien mal-fratellanza ta' miegħu skont il-viżta pastorali li bdiet dik is-sena mill-vigarju ġenerali u tkompliet sena wara mill-Isqof Bueno[12]. Il-bidla seħħet lejn l-aħħar ta' Ottubru 1668, meta ġiet iċċelebrata għall-aħħar darba l-festa tal-Madonna tar-Rużarju fil-knisja tal-Portu Salvu.

X'ġara sewwasew bejn l-1661 u l-1668 mhux ċar, imma forsi hemm tliet fatturi storiċi li kellhom sehem sinifikattiv. L-ewwel nett hemm numru ta' bidliet fit-tmexxija ekkleżjastika: l-Isqof Camarasa, li kien żamm



L-Isqof Michele Giovanni Balaguer de Camerese (1635 - 1663)

għalih il-jedd tat-trasferiment, miet fil-5 ta' Diċembru 1663 u s-sede Maltija baqgħet vakanti sal-15 ta' Diċembru 1666 meta laħaq Bueno. Dan miet fis-7 ta' Settembru 1668, u s-sede baqgħet vakanti sas-16 ta' Ġunju 1670[13]. Il-ħafna tibdil u s-sede vakanti jista' jkun li kellhom sehem fil-bidla tal-opinjoni dwar min kellu l-jedd iċaqlaq artal u fratellanza minn post għall-ieħor. It-tieni kien hemm il-fatt li minħabba li fl-1666 l-Oratorjani kienu għadhom qed jgħixu f'mezzanin żgħir maġenb il-knisja, il-viżitatur – li kien wieħed mill-predeċessuri ta' Azzopardi, Mons. Ġwann Dumink Attard – ordna li r-reġistri kollha (inklużi dawk tal-fratellanza) jingħataw lill-kappillan sakemm tinbena dar aktar addattata. L-aħħar fattur kien il-ħsieb li kien ġa nibet għall-proġett ta' knisja ikbar fuq ix-xaqliba tal-Ponta. B'hekk, waqt li d-djoċesi kienet qed titmexxa minn Vigarju, u bil-ħsieb ta' bini ta' knisja oħra fejn kien ikun aktar faċli tipproġetta dedikazzjonijiet ġodda għall-artali, il-kappillan Azzopardi, li intant kellu f'idejh ir-reġistri li kienu jinżammu fil-knisja tal-Portu Salvu, ħa dak li ried bil-permessi kollha meħtieġa.

U hekk, ftit xhur biss qabel ma twaqqa' l-mezzanin fejn kienu jgħixu l-Oratorjani u qabel bdiet titwaqqa' l-knisja, l-artal tal-Madonna tar-Rużarju, b'dak kollu li kellu, mexa għall-parroċċa.

Dan, iżda, jidher li ma seħħx mingħajr ma qala' ċertu nkwiet wara. Skont rikors li sar fil-5 ta' Novembru 1668, il-kappillan Azzopardi u l-fratellanza talbu li jingħataw permess jaħtru xi uffiċjali għall-fratellanza biex din tkun tista' titmexxa sew, wara li ġa xi ġranet qabel saru xi professjonijiet ta' fratelli u talb fil-knisja parrokkjali[14]. Il-permess ingħata l-għada. Ġimgħa wara, fit-13 ta' Novembru, il-prefett il-ġdid tal-fratellanza, Natale Grec, kiteb li minkejja li t-trasferiment tal-fratellanza kien sar, l-affarijiet mobbli li kienu propjetà tal-fratellanza flimkien mal-kotba tal-finanzi u l-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju kienu għadhom fil-knisja tal-Portu Salvu, u jitlob lill-Vigarju sabiex jordna lill-uffiċjali passati tal-fratellanza jagħtuhomlu[15]. L-ordni ħareġ mill-Kurja l-għada.

L-aħħar dettall li jagħti Grec fir-rikors tiegħu "*Pertanto sup.co dinanzi a V.S. Rev.ma che voglia* ***ordinare e comandare alli procu.ri passati*** *di fare d.a consegna del quadro del S.mo Rosario robbe giogali, e libri di introito, et esito e qualsiasi altra cosa apparentenente a d.a Conf.a*" jurina illi l-prokuraturi tal-fratellanza fil-knisja tal-Portu Salvu ma qablux mat-trasferiment li sar, u b'forma ta' protesta żammew il-bini tagħhom fil-knisja b'mod li l-prefett il-ġdid kellu jirrikorri għand il-vigarju biex jordna li dawn jittieħdu l-parroċċa. Milli nistgħu nifhmu wkoll, it-trasferiment fisser ix-xoljiment tal-uffiċċji tal-fratellanza fil-Portu Salvu biex dawn jingħataw lil nies li kienu jiffrekwentaw il-parroċċa flok il-knisja ta' fuq il-Ponta. Dan jurina li r-rivalità bejn iż-żewġ knejjes tal-Isla fuq din il-fratellanza kienet għadha ħajja!

Minn rikors ieħor li sar fl-istess ġranet, nifhmu li kien hemm min ma tantx ikkoppa li l-fratellanza u l-artal tar-Rużarju mxew għall-parroċċa, għax Pasquale Grec fid-



Ir-rikors biex jiġi ffurmat kumitat ġdid tal-Fratellanza fil-knisja parrokkjali



Ir-rikors ta' N. Grec fejn isemmi li l-kwadru għandu jittieħed mill-Portu Salvu għall-parroċċa

9 ta' Novembru 1668 talab li l-artal ta' San Leonardu fil-knisja tal-Portu Salvu jitmexxa mill-kursija għall-kappella fejn kien hemm l-artal tar-Rużarju a spejjeż tiegħu ta' 80 skud sabiex tkompli tikber id-devozzjoni lejn dan il-qaddis[16]. Dan ir-rikors inkiteb ftit ġranet qabel ma'– Natale Grec talab li kulma kien hemm fil-kappella tar-Rużarju jingħata lill-parroċċa. Il-fatt li sew Natale kif ukoll Pasquale kien kunjomhom Grec jista' jagħtina x'nifhmu li kienu b'xi mod qraba ta' xulxin u Pasquale kien qiegħed ifittex skuża biex tfittex tiżvojta l-kappella bl-iskuża li jitpoġġa hemm l-artal ta' San Leonardu li jfakkar l-ewwel rettur tal-knisja Dun Leonard Felici. In-nota tal-kappillan li nsibu taħt it-talba ta' Pasquale, fejn hu jagħti permess li jsir dan iċ-ċaqliq, tkompli tagħti piż lil din l-ipoteżi. Fit-13 ta' Novembru ssejħu fil-kurja l-prokuraturi tal-knisja tal-Portu Salvu, Giuseppe Marcese u Pietro Casha biex jagħtu l-kunsens tagħhom għal din it-talba ta' Pasquale Grec. Il-permess għal din il-bidla ngħata mill-Kurja fl-14 ta' Novembru u l-għada Pasquale Grec mar iwiegħed li se jagħmel skont ma kiteb fir-rikors.



*Ir-rikors ta' P. Grec fejn jipproponi li l-kwadru ta' San Leonardu jieħu post dak tar-Rużarju fil-Portu Salvu*

Mela jekk nieħdu kollox kronoloġikament ġurnata b'ġurnata, dak li jidher li ġara kien dan li ġej. Fl-ewwel ġranet ta' Novembru saru l-ewwel professjonijiet u devozzjonijiet lejn il-Madonna tar-Rużarju fil-knisja parrokkjali u b'hekk il-fratellanza kienet ġiet trasferita. Fil-5 ta' Novembru l-kappillan u l-fratellanza jitolbu li jinħatru l-uffiċjali u fis-6 ta' Novembru jingħata l-permess. Xi bini kien għadu fil-Portu Salvu u għalhekk fid-9 ta' Novembru Pasquale Grec, bil-kunsens espliċitu tal-kappillan, jitlob li l-kappella tar-Rużarju timtela bl-artal ta' San Leonardu. Fit-13 ta' Novembru Natale Grec jinnota li l-bini kien għadu fil-knisja filjali u jitlob li b'ordni mill-Kurja jittieħed il-parroċċa. Dakinhar jissejħu l-prokuraturi tal-Portu Salvu biex jagħtu l-kunsens għal dal-bidliet. Fl-14 ta' Novembru toħroġ l-ordni li dak kollu li kien tal-fratellanza kellu jittieħed il-parroċċa u jingħata l-permess biex l-artal ta' San Leonardu jieħu post dak tar-Rużarju. Fil-15 ta' Novembru Pasquale jmur iwiegħed li se jagħti l-flus għaċ-ċaqliq tal-artal ta' San Leonardu.



*Ir-rikors tal-1670 fejn jissemma li għad hemm xi affarijiet li għadhom fil-Portu Salvu*



*Kwadru titulari bl-artal ta' San Filippu Neri li jinsab fil-Kappellun tal-lemin tal-Knisja tal-Portu Salvu. Dan tpitter lejn is-sena 1682 minn Don Pedro Numerez de Villavicencio li kien kavallier tal-Ordni u dixxiplu ta' Mattia Preti*

Mill-viżta pastorali tal-Isqof Astiria li saret fl-1672 nafu li dan it-tibdil kien sar, avolja reġa' nqala' l-inkwiet fuq xi kotba u oġġetti oħra tal-fratellanza tar-Rużarju li baqgħu fil-Portu Salvu, kif naqraw f'rikors għal ordni ieħor li sar fl-10 ta' Ottubru 1670 mill-prokuraturi tal-kappella tar-Rużarju fil-parroċċa Thomaso Cassar u Salvo Grech[17]. Mill-bqija, il-kwadru tal-Madonna tar-Rużarju u l-kwadretti tal-misteri sabu ruħhom fil-parroċċa fl-1669 flok l-artal tat-Trasfigurazzjoni, waqt li fil-knisja tal-Portu Salvu l-kappella tar-Rużarju kienet ġiet iddedikata lil San Leonardu[18]. Dan tal-aħħar ma kellux ħajja twila f'dak il-post prominenti għax meta nbniet il-kursija tal-knisja li hemm illum bejn l-1670 u l-1685, San Leonardu sab postu ħdejn il-bieb ewlieni, fejn baqa' għal ftit snin sakemm tneħħa għalkollox. Il-post fejn kien hemm il-kappella tar-Rużarju u għal ftit snin ta' San Leonardu nbidlet f'kappellun meastuż iddedikat lil San Filippu Neri, il-fundatur tal-Oratorjani[19]. Din tista' tkun prova oħra ta' kemm is-sostituzzjoni tal-artal tar-Rużarju b'dak ta' San Leonardu fil-Portu Salvu kienet biss waħda kożmetika biex il-bini mobbli jfittxu jittieħdu fil-knisja parrokkjali.

**Riferenzi:**


1 A. Bonnici, *L-Isla fi ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina* vol. II: *Seklu u nofs ta' storja li wasslu għall-ġieħ ta' Kolleġġjata Insinji (1635-1786)*, Malta 1986, 95.

2 V. Xuereb, *Il-knisja ta' San Filippu tal-Isla*, 2000, 7-10.

3 Arkivju tal-Katidral tal-Imdina, ms. 181, f. 40v.

4 Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili, *Visitatio Gargallo*, ms. 7, f. 403r.

5 A. Bonnici, *L-Isla fi ġrajjiet il-Bażilka-Santwarju ta' Marija Bambina* Vol. I: *Twelid ta' Belt u ta' Parroċċa*, Malta 1981, 101.

6 Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili, *Visitatio Cagliares*, ms. 11, f. 504v.

7 Xuereb, 8. Il-kappillan ma jissemmiex b'ismu, imma jista' jagħti l-każ li kien Dun Vinċenz Caruana, dak li ħareġ bl-idea li tinbena l-knisja ta' Santa Marija tal-Portu Salvu u li fi żmienu ġie trasferit l-artal tar-Rużarju – mid-dehra mingħajr ma ġie konusltat – li wassal għal din is-sitwazzjoni. Caruana miet fl-1617 u floku laħaq Dun Cosmo Talavera. Sal-1621 Felici kien għadu ħaj u kien għadu r-rettur tal-knisja ta' Santa Marija tal-Portu Salvu. L-isqof Gargallo, li ma neħħiehx minn rettur, miet fis-sena 1615. Għlahekk nifhmu li kien Caruana li ma kienx qed jieħu gost mill-mod kif kienu sejrin l-affarijiet.

8 Ibid.

9 Dawn kienu s-snin minn meta waslet il-vara tal-Bambina fl-Isla u meta saret id-dotazzjoni ta' Nardu de Maria lill-artal tagħha biex tkompli tikber id-devozzjoni. Nifhmu li dawn il-ġrajjiet reġgħu ġibdu numru ta' nies lejn il-parroċċa għax fiha nibtet devozzjoni Marjana qawwija ħafna. Fi żmien l-aħħar tnejn minn dal-kappillani, imbagħad, tkabbret il-knisja parrokkjali, għalhekk nistgħu ngħidu li kienu mehdijin b'dan ix-xogħol u ma kellhomx ħsieb jaqalgħu konflitti infeliċi tal-imgħoddi.

10 Xuereb, 10.

11 Bonnici, 1986, 77.

12 Arkivju tal-Katidral tal-Imdina, *Visitatio Buenos* XIX, f. 214r.

13 *Bishops of Malta*, http://www.vassallomalta.com/Bishops.htm (online). 12 ta' Lulju 2015.

14 Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili, *Suppliche*, Vol. I (1668-1684), f. 47r.

15 Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili, *Suppliche*, Vol. I (1668-1684), f. 68r.

16 Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili, *Suppliche*, Vol. I (1668-1684), f. 59v.

17 Arkivju tal-Kurja Arċiveskovili, *Suppliche*, Vol. I (1668-1684), f. 302r.

18 Arkivju tal-Katidral tal-Imdina, *Visitatio Astiria* XXI, f. 233r, 238r-v.

19 Bonnici, 1986, 80.



**Simpson Boutique**

144, St. Paul Street, Cospicua

***Latest Garments for Ladies, Gents & Children***





Dallas 2000 ENT. LTD.

Qormi Road,
Ħamrun - HMR 2181 Malta.
Email: dallas2000@onvol.net

Chandeliers
Furniture & Gifts

Tel: +356 2124 6007
Tel: +356 2123 1133
Fax: +356 2124 5590
Mob: +356 9949 2644


